MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 287/2008

**Antoine Vassallo 825847M**

**Vs**

**Anthony Tonna 494359M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut talab il-hlas tas-somma ta' disa' mija u sitta u tmenin Euro u sebgha u tletin centezmi (€986.37), erba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lm437.45), rapprezentanti l-import ta' hames (5) kambjali ta' mitejn u tlett Euro u disgha u sebghin centezmu (€203.79), sebgha u tmenin liri Maltin u disgha u erbghin centezmi (Lm87.49), -il wahda ffirmati minn Anthony Tonna, liema kambjali huma maturati, skaduti u mhux onorati, jigifieri :

i. Kambjala numru wiehed (1) ghal-ammont sebgha u tmenin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm87.49), mitejn u tlett Euro u tmenin centezmi (€203.80), skaduta fit-28 ta’ Marzu, 2006, (Dok AT1);
ii. Kambjala numru hamsa u erbghin (45) ghall-ammont sebgha u tmenin liri Maltin u disgha u erbghin centezmi (Lm87.49), mitejn u tlett Euro u tmenin centezmi (€203.80), skaduta fit-28 ta’ Novembru, 2005 (Dok AT1);
iii. Kambjala numru sitta u erbghin (46) ghall-ammont sebgha u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm87.49), mitejn u tlett Euro u tmenin centezmi (€203.80), skaduta fit-28 ta’ Dicembru, 2005 (Dok AT2);
iv. Kambjala numru sebgha u erbghin (47) ghall-ammont sebgha u tmenin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm87.49), mitejn u tlett Euro u tmenin centezmi (€203.80), skaduta fi-28 ta’ Novembru, 2005 (Dok AT2);
v. Kambjala numru tmienja u erbghin (48) ghall-ammont sebgha u tmenin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm87.49), mitejn u tlett Euro u tmenin centezmi (€203.80), skaduta fit-28 ta’ Frar, 2006 (Dok AT2);

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjes tal-presenti, tal-mandat ta’ sekwestru numru 998/08 u bl-imghax legali, kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u

jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ disa’ mija u sitta u tmenin Euro u sebgha u tletin centezmi (€986.37), erba’ mija u sebgha u tletin Euro u hamsa u erbghin centezmi (€437.45) bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------